Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,490, 19 ta' Awwissu, 2025
Taqsima B

A.L. 179 tal-2025

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti tal-2025 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ u t-Tqassim ta' Biljetti u Materjal Promozzjonali minn Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17(k) tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ u t-Tqassim ta' Biljetti u Materjal Promozzjonali minn Spazji Pubbliċi.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għan.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jirregolaw l-imġiba ta' kwalunkwe persuna li tbiegħ jew tqassam, jew li tippermetti li jsir il-bejgħ u t-tqassim ta' biljetti u materjal promozzjonali għal skopijiet kummerċjali sabiex jiġi eliminat reklamar mhux liċenzjat fi spazji pubbliċi jew aċċessibbli għall-pubbliku.

Tifsir.

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort' oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ; Kap. 441.

"awtorità kompetenti" tfisser kwalunkwe sezzjoni, dipartiment, korp, aġenzija jew awtorità taħt il-liġi, li toħroġ liċenzja jew permess fir-rigward ta' persuna jew stabbiliment kummerċjali u, jew li tista' tinforza l-liġi, inkluż il-Korp tal-Pulizija, jew kwalunkwe kuntrattur debitament awtorizzat mill-imsemmija awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti;

"Kunsill" tfisser kunsill lokali skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Gvern Lokali, jew kuntrattur debitament awtorizzat mill-Kunsill għal għanijiet speċifiċi ta' dawn ir-regolamenti; Kap. 363.

"mużew" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Patrimonju Kulturali; Kap. 445.

"reklam" tfisser kwalunkwe immaġni, kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, prodott, apparat, tabella, avviż, volantin, fuljett jew disinn, rappreżentazzjoni jew

komunikazzjoni, avviż jew direzzjoni, sew jekk imdawla sew xort'oħra, fiżiċi jew diġitali, li jkollhom ix-xejra ta' reklam u li jkunu użati għalkollox jew parzjalment għal dak l-iskop, u jinkludi kwalunkwe billboard jew struttura simili, pjattaformi jew mezzi oħra użati jew addattati biex jintwera reklam, inkluż iżda mhux limitatament għal mezzi elettroniċi;

"spazju pubbliku" tfisser kwalunkwe lok li għalih il-pubbliku b'mod ġenerali għandu aċċess liberu u mhux ristrett jew użu, li jinkludi iżda li mhux limitat għad-dominju pubbliku, għal spazji urbani bħat-toroq u l-pjazez, kif ukoll spazji miftuħa u rikreattivi;

"uffiċjal" tfisser kwalunkwe persuna maħtura sabiex twettaq id-dmirijiet skont dawn ir-regolamenti u awtorizzata sabiex toħroġ multi u penali skont dawn ir-regolamenti u għandha tinkludi kull uffiċjal tal-awtorità kompetenti, uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija jew kwalunkwe awtorità oħra awtorizzata li tista' toħroġ multi jew penali skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Projbizzjoni ta' ċertu attivitajiet.

4. L-ebda persuna ma tista' minn spazju pubbliku:

(a) toffri, tagħti, tippromwovi, tbigħ prodotti u, jew servizzi; u, jew

(b) tbigħ, tqassam jew tirriklama biljetti u, jew materjal promozzjonali;

sakemm tali attivitajiet ma jitwettqux minn postijiet, stabbilimenti jew strutturi, kemm jekk fissi jew temporanji, li jkunu koperti b'liċenzja jew permess għal dan il-għan maħruġa minn awtorita kompetenti u bil-kunsens tad-detentur tal-liċenzja jew permess:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għall-mużewijiet, swali taċ-ċinema u teatri diment illi tali reklamar isir fil-post jew fl-istabbiliment innifsu:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx fejn persuna toffri jew tippromwovi prodotti u servizzi, jew tbigħ jew tqassam biljetti u materjal promozzjonali minn sit fil-berah fejn tkun ser issir attività, kemm-il darba l-għemil hawn fuq imsemmi jitwettaq fl-istess sit li jkollu l-permessi u l-liċenzji kollha meħtieġa, u tali attivitajiet ta' reklamar jitwettqu biss fiż-żmien stabbilit fl-istess permessi u liċenzja kif maħruġa.

Tneħħija ta' reklami mhux awtorizzati.

5. (1) L-awtorità kompetenti u, jew il-Kunsill jistgħu immedjatament u mingħajr il-ħtieġa ta' xi avviż ieħor ineħħu, jaħżnu u jiddisponu minn kull riklam li jkun tqiegħed f'post, fi stabbiliment jew fi spazju li ma jkunx kopert b'liċenzja jew permess skont dawn ir-regolamenti, għas-spejjeż tal-persuna li tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda riklam li jkun ġie mneħħi jew maħżun għandu jiġi katalogat f'inventarju li jittieħed immedjatament fuq il-post u kopja tal-inventarju għandha tingħata lill-persuna li mingħandha ttieħdu l-affarijiet:

Iżda wkoll riklam li jkun ġie mneħħi jew maħżun jew li jkun għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu, ma għandux jiġi ritornat lil sidu qabel ma jkun tħallas id-dritt impost mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorità kompetenti, skont dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorità kompetenti ma għandhiex tinżamm responsabbli għal danni li jiġu kkaġunati meta jitneħħew, jinħażnu u, jew meta wieħed jiddisponi mir-riklami mhux awtorizzati skont dawn ir-regolamenti.

Multi, penali u dispożizz-jonijiet supplementari dwar l-infurzar.

6. (1) F'każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ multa lil kull persuna li tieħu sehem, tippromovi, tkun sid jew topera attività, post, stabbiliment, attività kummerċjali, kumpanija, jew struttura fissa li tkun indikata fil-biljetti jew materjal promozzjonali u, kull persuna oħra li tippermetti li jsir l-istess u li tonqos milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti. F'tali każijiet għandhom japplikaw il-proċeduri, il-multi u l-penali stipulati f'dawn ir-regolamenti u dan mingħajr preġudizzju għat-teħid ta' kwalunkwe azzjoni ulterjuri skont l-artikolu 19 tal-Att.

(2) Meta persuna tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti hija għandha tkun soġġetta għas-segwenti multi u penali, skont il-każ:

(a) elf u mija u sittin euro (€1,160.00) għall-ewwel ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(b) elfejn u tliet mija u ħamsa u għoxrin euro (€2,325.00) għat-tieni jew ksur sussegwenti tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(ċ) ħamsin euro (€50.00) penali għal kull ġurnata jekk il-ksur jippersisti wara għaxart (10) ijiem mid-data tan-notifika tal-multi stipulati fil-paragrafi (a) u (b):

Iżda din il-penali għandha tiġi imposta bla ħsara għal

kwalunkwe multa oħra jew ammont ieħor pagabbli jew dovut lill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tal-Att:

Iżda wkoll meta persuna tkun soġġetta għal penali għal kull ġurnata separata għal ksur differenti relatat mal-istess attività jew sit, il-penali għal kull ġurnata għandhom jakkumulaw separatament u għandhom jibqgħu jakkumulaw sakemm il-ksur rispettiv ikun ġie rimedjat għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti. Illegalitajiet bi ksur ta' ordnijiet eżistenti għandhom jiġu meqjusa separatament u b'mod kumulattiv.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, l-ebda mandat kawtelatorju jew ordni oħra ma għandhom jinħarġu jew jingħataw minn kwalsiasi qorti sabiex iżommu l-awtorità kompetenti milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dawn ir-regolamenti.

(4) L-ispejjeż kollha inkorsi mill-awtorità kompetenti fl-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe mis-setgħat mogħtija taħt dawn ir-regolamenti, jistgħu jiġu rkuprati mill-awtorità kompetenti bħala dejn ċivili mingħand kwalunkwe waħda mill-persuni indikati fis-subregolament (1) jew mill-imsemmija persuni *in solidum*, bla ħsara għall-jedd ta' kwalunkwe persuna li tiġbor dak dovut lilha mingħand xi persuna oħra.

Komunikazzjoni ta' data mill-awtorità kompetenti.

7. L-awtorità kompetenti identifikata sabiex twettaq id-dmirijiet skont dawn ir-regolamenti tista', għall-iskop tal-infurzar ta' dawn ir-regolamenti, tadotta is-salvagwardji meħtieġa sabiex tikkomunika d-data u l-informazzjoni ta' kwalunkwe persuna li tkun kisret id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti lill-entitajiet oħra tal-gvern, kif jista' jkun meħtieġ.